Nru./No. 19,118
Prezz/Price
€2.88

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 2 ta' Awwissu, 2013
Friday, 2nd August, 2013

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 9,177 - 9,181
Government Notices ..... *9,177 - 9,181*

Avviż tal-Pulizija ..... 9,181 - 9,183
Police Notice ..... *9,181 - 9,183*

Avviż lill-Baħħara ..... 9,184 - 9,186
Notice to Mariners ..... *9,184 - 9,186*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 9,186 - 9,199
Employment Opportunities ..... *9,186 - 9,199*

Avviżi tal-Gvern ..... 9,200 - 9,202
Notices ..... *9,200 - 9,202*

Offerti ..... 9,202 - 9,227
Tenders ..... *9,202 - 9,227*

Avviżi tal-Qorti ..... 9,228 - 9,236
Court Notices ..... *9,228 - 9,236*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 702

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 14 imsejjaħ Att tal-2013 li jemenda l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

It-2 ta' Awwissu, 2013

GOVERNMENT NOTICES

No. 702

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement of this Gazette:

Bill No. 14 entitled the Value Added Tax (Amendment) Act, 2013.

2nd August, 2013

Nru. 703

BORD TAL-PROFESSJONI TAL-INĠINIERA

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 6 tal-Att dwar il-Professjoni tal-Inġiniera (Kap. 321), il-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura għoġbu jagħmel dawn il-ħatriet fuq il-Bord tal-Professjoni tal-Inġiniera kif ġej:

Viċi Chairman
Ing. Saviour Baldacchino, B. Elec. Eng. (Hons), Dipl. Mgt., M.I.E.T., A.C.M.

Membri
Ing. Mary Grace Micallef, B.Eng (Hons) Mech
Ing. Felicita Mallia, B.Elec.Eng (Hons)
Ing. Charles Buttigieg, B. Mech. Eng. (Hons.) M.A. Dipl. Studies

(Tlieta eletti minn detenturi ta' *Warrant*)

Segretarju
Ray Fava, MSc (Leicester), Training & HR Mgt., BA Youth & Community, Dip. Lab. Studies.

Dawn il-ħatriet jibqgħu japplikaw għal perjodu ta' sena b'seħħ mill-14 ta' Ġunju, 2013.

It-2 ta' Awwissu, 2013

No. 703

ENGINEERING PROFESSION BOARD

IT is notified for general information that, in exercise of the powers conferred by Article 6 of the Engineering Profession Act (Cap. 321), the Minister for Transport and Infrastructure has made the following appointments on the Engineering Profession Board:

Deputy Chairman
Ing. Saviour Baldacchino, B. Elec. Eng. (Hons), Dipl. Mgt., M.I.E.T., A.C.M.

Members
Ing. Mary Grace Micallef, B.Eng (Hons) Mech
Ing. Felicita Mallia, B.Elec.Eng (Hons)
Ing. Charles Buttigieg, B. Mech. Eng. (Hons.) M.A. Dipl. Studies

(Three elected by Warrant holders)

Secretary
Ray Fava MSc (Leicester) Training & HR Mgt., BA Youth & Community, Dip. Lab. Studies.

These appointments remain valid for a period of one year with effect from the 14th June, 2013.

2nd August, 2013

Nru. 704

ID-DIRETTUR ĠENERALI (KUNTRATTI) JERĠA' JIDĦOL GĦAL DMIRIJIETU

IS-SUR Francis Attard, Direttur Ġenerali (Kuntratti), reġa' daħal lura għal dmirijietu fil-31 ta' Lulju, 2013, u l-arranġamenti li hemm referenza għalihom fin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 660 tad-19 ta' Lulju, 2013, huma b'din imħassrin.

It-2 ta' Awwissu, 2013

No. 704

RESUMPTION OF DUTIES BY THE DIRECTOR GENERAL (CONTRACTS)

MR FRANCIS Attard, Director General (Contracts), resumed duties on 31st July, 2013, and the arrangements referred to in Government Notice No. 660 of the 19th July, 2013, are hereby cancelled.

2nd August, 2013

Nru. 705

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (DIPARTIMENT TAT-TAXXI INTERNI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Finanzi approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Randolph Aquilina	Direttur Ġenerali *Director General*	Taxxi Interni *Inland Revenue*	16 - 27.08.2013

It-2 ta' Awwissu, 2013

No. 705

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (INLAND REVENUE DEPARTMENT)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Finance has approved the following acting appointment:–

2nd August, 2013

Nru. 706

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dottor Paul George Pisani bħala Nutar konservatur tal-atti tan-Nutar Christian J Zammit matul id-durata tal-impieg governattiv tiegħu.

Illum, it-Tnejn, 29 ta' Lulju, 2013.

ALAN K. ZERAFA
Għar-Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It-2 ta' Awwissu, 2013

No. 706

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegat/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Article 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Paul George Pisani to be Notary Keeper of the Acts for Notary Christian J Zammit during the latter's employment with the government.

Today, Monday 29th July, 2013.

ALAN K. ZERAFA
F/Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2nd August, 2013

Nru. 707

WARRANT MILL-MINISTRU GĦALL-INTERN U S-SIGURTÀ NAZZJONALI

NGĦARRFU illi, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (3) tal-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'Setgħa li jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali ħatar bħala Kummissjunarji bis-Setgħa li Jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, u jew għall-perjodu indikat fl-istess ħatra, liema minnhom tiġi l-ewwel, lill-imsemmija hawn taħt:

Pulizija
L-Ispettur Sandro Mallia

Uffiċċju Elettorali
Is-Sur George Grech

Ministeru għall-Affarijiet Barranin
Is-Snja. Alberta Borg
Is-Sur Albert Grech
Is-Sur Etienne Micallef
Is-Snja. Chirelle Sciberras
Dott. Stephen Stains

B'Awtorità
Owen Bonnici
Segretarju Parlamentari
għall-Ġustizzja

Il-31 ta' Lulju, 2013
(MJDF/144/2013/1)

No. 707

WARRANT BY THE MINISTER FOR HOME AFFAIRS AND NATIONAL SECURITY

IT is notified that, in exercise of such powers as provided by Article (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Home Affairs and National Security appointed as Commissioners for Oaths, whilst performing such functions and as long as they continue in that capacity, and/or for the period indicated in the same appointment, whichever is the earlier, the undermentioned:

Police
Inspector Sandro Mallia

Electoral Office
Mr George Grech

Ministry of Foreign Affairs
Ms Alberta Borg
Mr Albert Grech
Mr Etienne Micallef
Ms Chirelle Sciberras
Dr Stephen Stains

By Authority
Owen Bonnici
Parliamentary Secretary
for Justice

31st July, 2013

Nru. 708

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda, ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

Data	Deheb Pur Gramma	Fidda Pura Gramma
Date	*Pure Gold* *Grams*	*Pure Silver* *Grams*
2. 08. 2013	€32.539	€0.510

It-2 ta' Awwissu, 2013

No. 708

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

2nd August, 2013

Nru. 709

GĦOTI TA' UNURI U DEKORAZZJONIJIET LIL ĊITTADINI MALTIN

Malta tagħti ġieħ pubbliku lil ċittadini Maltin li jiddistingwu ruħhom f'oqsma differenti tal-ħajja u li l-kontribut u l-kisbiet tagħhom kabbru l-ġid u tejbu l-kundizzjonijiet ġenerali taċ-ċittadini Maltin.

Kull ċittadin Malti, grupp ta' persuni jew organizzazzjoni volontarja li tkun irreġistrata mal-Kummissarju skont l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (Kap. 492) jistgħu jiġu nominati għall-għoti ta' unur f'Jum ir-Repubblika.

Nominazzjonijiet għas-sena 2013 qegħdin jiġu aċċettati mill-Kumitat tan-Nomini. Dawn għandhom jintbagħtu fuq il-formola tan-nomina liċ-*Chairman*, Kumitat tan-Nomini, Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Valletta VLT 2000, sal-Ġimgħa, is-16 ta' Awwissu, 2013.

Il-formoli jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment tal-Informazzjoni, 3, Misraħ Kastilja, Il-Belt Valletta jew mill-*website* tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru: (www.gov.mt). Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mill-Uffiċċju tal-Kabinett fuq: 2200 1287.

Il-persuni nominati la għandhom jiġu kkuntattjati għal xi dettalji u lanqas infurmati dwar in-nominazzjoni tagħhom.

It-2 ta' Awwissu, 2013

No. 709

AWARD OF HONOURS AND DECORATIONS TO MALTESE CITIZENS

Malta pays public tribute to Maltese citizens who have distinguished themselves in different walks of life and whose contribution and achievement enrich the general well-being of their fellow countrymen.

Any Maltese citizen, a group of persons or a voluntary organisation which is duly enrolled with the Commissioner in terms of the Voluntary Organisations Act (Cap. 492) may be nominated for the award of an honour on Republic Day.

Nominations for 2013 are now being received by the Nominations Committee. These are to be sent on the nomination form and addressed to the Chairman, Nominations Committee, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta VLT 2000, by not later than Friday, 16th August 2013.

Nomination forms may be collected from the Department of Information, 3, Castille Place, Valletta or downloaded from the website of the Office of the Prime Minister (www.gov.mt). Further information, may be obtained from the Cabinet Office on: 2200 1287.

Persons nominated should neither be approached for details, nor informed about their nomination.

2nd August, 2013

Nru. 710

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Regolamenti tal-2007 dwar l-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali

Stedina Pubblika għall-Kummenti

Irdim ta' barriera bi skart inert u kostruzzjoni ta' Faċilità għall-Irkupru tal-Materjali

Sit f'barriera tal-ġeblatal-franka Nru 30, tal-Isqof, L/O, L-Imqabba, Malta.

Applikazzjoni Nru. PA 04918/08 (EA00056/12)

L-AWTORITÀ ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar qiegħda tħejji termini ta' referenza għal Dikjarazzjoni dwar

No. 710

THE MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Environmental Impact Assessment Regulations, 2007

Public Invitation for Comments

Backfilling of quarry with inert waste and construction of Materials Recovery Facility

Site at Soft Stone Quarry No 30, tal-Isqof, L/O, Mqabba, Malta

Application No. PA 04918/08 (EA00056/12)

THE Malta Environment and Planning Authority is currently formulating terms of reference for the preparation

l-Impatt Ambjentali għall-proposta msemmija hawn fuq. Il-pubbliku huwa mistieden jibgħat kummenti bil-miktub dwar materji li jkun jixtieq li jiġu inklużi fit-termini ta' referenza.

Il-kummenti għandhom jintbagħtu bil-posta elettronika lil: (eiamalta@mepa.org.mt)

jew inkella bil-posta lil:
Taqsima tal-EIA,
Direttorat għall-Ħarsien tal-Ambjent,
Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar,
St Francis Ravelin, Floriana FRN 1230

Il-kummenti għandhom jaslu għand l-Awtorità sa tliet ġimgħat mid-data ta' dan l-avviż, u għandhom jingħataw dan it-titlu: EIA għal PA 04918/08 (EA00056/12).

Aktar informazzjoni tinstab fuq il-*website* tal-Awtorità: (http://www.mepa.org.mt/permitting-ea-main).

It-2 ta' Awwissu, 2013

of an Environmental Impact Statement for the above-mentioned development. The general public is invited to submit written comments on matters it wishes to see included in the terms of reference.

Written submissions should be sent via email to: (eiamalta@mepa.org.mt)

or by post to:
EIA Team
Environment Protection Directorate,
Malta Environment and Planning Authority,
St Francis Ravelin, Floriana FRN 1230

Comments are to reach the Authority within 3 weeks of the date of this notice, and should bear the following title: EIA on PA 04918/08 (EA00056/12)

Further details can be viewed on the Authority's website: (http://www.mepa.org.mt/permitting-ea-main).

2nd August, 2013

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 102

Bis-saħħa tal-artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Iż-Żejtun

Nhar il-Ħadd, l-4 ta' Awwissu, 2013, mis-7.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Triq San Girgor u Triq id-Daħla ta' San Tumas.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż, ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

Ħal Safi

Nhar it-Tnejn, id-19 ta' Awwissu 2013, mis-6.00 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Pawl, Qasam tad-Djar, Ta' Qarja, San Ġwann, Ta' Amparell, L-Azjar, Hlantun, Santa Marija u Pjazza Ħal Safi.

Nhar it-Tlieta, l-20 ta' Awwissu 2013, mis-7.30 p.m. 'il quddiem minn Pjazza Ħal Safi.

Nhar l-Erbgħa, il-21 ta' Awwissu 2013, mis-6.00 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Ġwann, Il-Kuċċard,

POLICE NOTICE

No. 102

In virtue of Article. 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap 65), the Commisioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated:

Żejtun

On Sunday, 4th August, 2013, from 7.00 p.m. onwards through the following streets: Triq San Girgor and Triq id-Daħla ta' San Tumas.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

Ħal Safi

On Monday, 19th August 2013, from 6.00 p.m. till 11.30 p.m. through the following streets: San Pawl, Housing Estate, Ta' Qarja, San Ġwann, Ta' Amparell, L-Azjar, Hlantun, Santa Marija and Pjazza Ħal Safi.

On Tuesday, 20th August 2013, from 7.30 p.m. onwards through Pjazza Ħal Safi.

On Wenesday, 21st August 2013, from 6.00 p.m. till 11.30 p.m. through the following streets: San Ġwann, Il-Kuċċard,

Is-Summien, In-Nassaba, It-Tellerit, L-Iskola, Ta' Ġawhar, Dun Karm Vella, Kaċċaturi, San Tumas, Twemmin, Ħlantun, Misraħ San Ġużepp, Santa Marija u Pjazza Ħal Safi.

Nhar il-Ħamis, it-22 ta' Awwissu 2013, mis-7.00 p.m. il' quddiem mil-Pjazza tal-Knisja.

Nhar il-Ġimgħa, it-23 ta' Awwissu 2013, mis-7.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Trejqet it-Twemmin, San Tumas, Triq ta' Ġawhar, L-Iskola, In-Nassaba, It-Tellerit, Il-Kuċċard, Is-Summien, iż-Żurrieq u l-Pjazza tal-Knisja.

Nhar is-Sibt, l-24 ta' Awwissu 2013, mis-7.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: San Ġużepp, Santa Marija, Dun G Caruana, Iż-Żurrieq u Pjazza tal-Knisja.

Nhar il-Ħadd, il-25 ta' Awwissu 2013, mit-8.00 a.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: San Pawl, San Ġwann, San Ġorġ, Hlantun, Qerd in-Naħal, Mikielanġ Busuttil, In-Newba, Il-Ħajt Ruman, Ġwann Zammit, Il-Biedja, Triq id-Dolmen, Ta' Ġawhar; L-Iskola, Dun Ġużepp Caruana, Triq iż-Żurrieq, il-Pjazza tal-Knisja, San Ġużepp, Santa Marija, Dun Ġużepp Caruana u ż-Żurrieq.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż, ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

Ħaż-Żebbuġ

L-Erbgħa, 7 ta' Awwissu, 2013, mis-6.00 p.m. till midnight through Triq Santa Marija.

Il-Ġimgħa, 9 ta' Awwissu, 2013, mis-6.00 p.m. sa nofillejl minn Triq Santa Marija.

Is-Sibt, 10 ta' Awwissu, 2013, mis-6.00 p.m. sa nofillejl minn Triq Santa Marija.

Il-Ħadd, 11 ta' Awwissu, 2013, mis-7.00 a.m. sa nofsinhar u mill-4.00 p.m. sa nofillejl minn Triq Santa Marija.

It-Tnejn, 12 ta' Awwissu, 2013, mis-6.00 p.m. sa nofillejl minn Triq Santa Marija.

L-Erbgħa, 14 ta' Awwissu, 2013, mis-6.00 p.m. sa nofillejl minn Triq Santa Marija.

Il-Ħamis, 15 ta' Awwissu, 2013, mill-5.00 a.m. sa nofillejl minn Triq Santa Marija.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

It-2 ta' Awwissu, 2013

Is-Summien, In-Nassaba, It-Tellerit, L-Iskola, Ta' Ġawhar, Dun Karm Vella, Kaċċaturi, San Tumas, Twemmin, Ħlantun, Misraħ San Ġużepp, Santa Marija and Pjazza Ħal Safi.

On Thursday, 22nd August 2013, from 7.00 p.m. onwards through Pjazza tal-Knisja.

On Friday, 23rd August 2013, from 7.00 p.m. onwards through the following streets: Trejqet it-Twemmin, San Tumas, Triq ta' Ġawhar, L-Iskola, In-Nassaba, It-Tellerit, Il-Kuċċard, Is-Summien, iż-Żurrieq and il-Pjazza tal-Knisja.

On Saturday, 24th August 2013, from 7.00 p.m. onwards through the following streets: San Ġużepp, Santa Marija, Dun G Caruana, Iż-Żurrieq and Pjazza tal-Knisja.

On Sunday, 25th August 2013, from 8.00 a.m. till midnight through the following streets: San Pawl, San Ġwann, San Ġorġ, Ħlantun, Qerd in-Naħal, Mikielanġ Busuttil, In-Newba, Il-Ħajt Ruman, Ġwann Zammit, Il-Biedja, Triq id-Dolmen, Ta' Ġawhar; L-Iskola, Dun Ġużepp Caruana, Triq iż-Żurrieq, il-Pjazza tal-Knisja, San Ġużepp, Santa Marija, Dun Ġużepp Caruana and Żurrieq.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

Ħaż-Żebbuġ

Wednesday, 7th August, 2013, from 6.00 p.m. till midnight through Triq Santa Marija.

Friday, 9th August, 2013, from 6.00 p.m. till midnight through Triq Santa Marija.

Saturday, 10th August, 2013, from 6.00 p.m. till midnight through Triq Santa Marija.

Sunday, 11th August, 2013, from 7.00 a.m. till noon and from 4.00 p.m. till midnight through Triq Santa Marija.

Monday, 12th August, 2013, from 6.00 p.m. till midnight through Triq Santa Marija.

Wednesday, 14th August, 2013, from 6.00 p.m. till midnight through Triq Santa Marija.

Thursday, 15th August, 2013 from 5.00 a.m. till midnight through Triq Santa Marija.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

2nd August, 2013

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 103

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk, kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Ħamrun

Nhar il-Ħadd, l-8 ta' Awwissu, 2013, mis-7.00 p.m. sas-1.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Triq il-Kbira San Ġużepp mill-knisja ta' San Ġorġ Preca, Triq Schembri u Triq San Tumas.

Paola

Nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Awwissu, 2013, mill-5.00 p.m. sal-11.30 p.m., mit-toroq li ġejjin: Telgħet Raħal Ġdid, Triq Cameron, Triq Windsor, Triq Clarence u Triq Tortell.

Vetturi li jiksru l-Ordni ta' dan l-Avviż, ikunu soġġett li jiġu rmunkati

It-2 ta' Awwissu, 2013

POLICE NOTICE

No. 103

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder.

In virtue of Article. 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commisioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated:

Ħamrun

On Sunday, 8th August, 2013, from 7.00 p.m. till 1.00 a.m. through the following streets: Triq il-Kbira San Ġużepp from San Ġorġ Preca church, Triq Schembri and Triq San Tumas.

Paola

On Friday, 9th August, 2013, from 5.00 p.m. till 11.30 p.m. through the following streets: Telgħet Raħal Ġdid, Triq Cameron, Triq Windsor, Triq Clarence and Triq Tortell.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

2nd August, 2013

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 104

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skond l-Avviż Legali 94/97, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħad-Dingli

Nhar il-Ħadd, it-18 ta' Awwissu, 2013, mis-2.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Triq il-Parroċċa, Misraħ Ġużè Abela, Triq Santu Rokku, Triq il-Kbira (minn kif tikser minn Triq Santu Rokku 'l isfel sa kif titla' t-telgħa ta' Ħad-Dingli – ftit 'l isfel mill-Iskola Primarja), Misraħ Frenc Abela, Triq Ċensa Spiteri, Triq Ġużè Ellul Mercer (minn fejn jibda l-Ġnien ta' ħdejn Galsons Pastizzeria sa isfel fejn tiżbokka fi Triq il-Kbira), Misraħ il-Mafkar u Triq Pawlu Ebejer.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-Avviż ikunu soġġett li jiġu rmunkati

It-2 ta' Awwissu, 2013

POLICE NOTICE

No. 104

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Sect.52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Chap 65), the Commisioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated:

Ħad-Dingli

On Sunday, 18th August, 2013, from 2.00 p.m. onwards through the following streets: Triq il-Parroċċa, Misraħ Ġużè Abela, Triq Santu Rokku, Triq il-Kbira (from Triq Santu Rokku downwards up to the hill of Ħad-Dingli - near the Primary School), Misraħ Frenc Abela, Triq Ċensa Spiteri, Triq Ġużè Ellul Mercer (from where the garden near Galsons Pastizzeria starts until Triq il-Kbira), Misraħ il-Mafkar and Triq Pawlu Ebejer.

Vehicles found in contravention to the order of this Notice are liable to be towed.

2nd August, 2013

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 55 tal-2013

Ħruq ta' Murtali minn Barkun fil-Bajja s-Sabiħa, Birżebbuġa

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf li se jinħarqu murtali f'xi ħin bejn it-8.30 p.m. u l-10.30 pm., minn fuq barkun irmiġġat fil-Bajja s-Sabiħa, f'Birżebbuġa. Il-barkun se jkun irmiġġat, kif muri fuq iċ-*chart* li tinsab fuq il-*website* ta' Transport Malta: (http://www.transport.gov.mt/) nhar it-Tnejn, 8 ta' Awwissu, 2013.

Latitude (T)	*Longitude (L)*
35°49'.371	14°31'.909

Il-murtali se jinħarqu bejn il-11.00 p.m. u nofsillejl.

Ebda dgħajsa m'għandha tersaq aktar minn 200 metru mill-pożizzjoni tal-braken. Dgħajjes li jkunu fiż-żona msemmija għandhom jitneħħew.

Il-baħħara għandhom jobdu l-ordnijiet u d-direzzjonijiet li jingħataw mill-Valletta Port Control (Valletta VTS).

Il-pożizzjonijiet jirreferu għal WGS 84 Datum.

Chart affettwata: BA 177.

It-2 ta' Awwissu, 2013

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 55 of 2013

Firework Displays from Barge in Pretty Bay, Birżebbuġa

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies that a five minute firework displays, anytime between 8.30 p.m. and 10.30 p.m., will be let off from a barge moored at Pretty Bay, Birżebbuġa. The barge will be morred in the position, as per chart on Transport Malta's website: (http://www.transport.gov.mt) on Monday, 8th August, 2013.

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35°49'.371	14°31'.909

The fireworks will be held between 11.00 p.m. and midnight.

No boats are allowed within delineated a circle radius of 200 meters from the above position. Any boats berthed within the above area are to be removed.

Mariners are to obey instructions issued by Valletta VTS (Valletta Port Control).

Position is in WGS 84 Datum

Chart affected: BA 177

2nd August, 2013

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 56 tal-2013

Aktar għall-Avviż lill-Baħħara Nru. 88 tal-2012 dwar Xogħlijiet ta' Tħammil fiċ-Ċirkewwa

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf li b'referenza għall-Avviż lill-Baħħara Nru. 88 tal-2012 dwar xogħlijiet ta' Tħammil fiċ-Ċirkewwa, għaddasa se jnaddfu l-punti għoljin fiż-żona mmarkata A, B, C, D u matul il-kosta kif muri fuq iċ-*chart* li tinsab fuq il-*website* ta' Transport Malta: (http://www.transport.gov.mt/). Dawn ix-xogħlijiet se jibdew it-Tnejn, 5 ta' Awwissu, 2013 u mistennija jitlestew sa nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Awwissu, 2013, jekk it-temp jippermetti.

L-għaddasa se jkunu qed jagħmlu dan ix-xogħol bl-għajnuna ta' *work boat*. Il-*work boat* se tkun qed juri l-bandiera "A" tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sinjali u se jkollu manuvrabbilità ristretta.

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 56 of 2013

Further to Notice to Mariners No. 88 of 2012 Re – Dredging Works at Ċirkewwa Point

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that further to Notice to Mariners No. 88 of 2012 regarding dredging works at Ċirkewwa Point, divers are to be utilized for the clearing of high spots within the area marked A, B, C, D and the coast as shown on the chart on Transport Malta's website: (http://www.transport.gov.mt/). This work will start on Monday, 5th August, 2013 and is expected to be completed by Friday, 9th August, 2013, weather permitting.

Divers will carry out this work with the assistance of a work boat. The work boat will be displaying the international Code of Signals Flag "A" and will have restricted maneuverability.

Il-baħħara għandhom ibaħħru b'attenzjoni u bilmod u għandhom jobdu l-ordnijiet u d-direzzjonijiet li jingħataw mill-Valletta Port Control (Valletta VTS) fuq VHF *Channel* 12.

Chart affettwata: BA 211 (A), 2537, 2538, 194

Il-pożizzjonijiet jirreferu għal WGS 84 Datum.

It-2 ta' Awwissu, 2013

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 57 tal-2013

Għawma madwar Kemmuna

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf li grupp ta' għawwiema se jorganizza għawma madwar Kemmuna, nhar it-Tnejn, il-5 ta' Awwissu, 2013.

Il-parteċipanti se jitilqu mill-*Crystal Lagoon* għall-ħabta tas-7.30 a.m. Huma se jgħumu bħala grupp, u se jibqgħu mal-kosta, lejn Santa Maria u jduru lura lejn *Crystal Lagoon*. Din l-attività mistennija ddum madwar erba' (4) sigħat, jekk jippermetti t-temp.

Id-dgħajsa S12183 (Ozzy Cruises) se tkun qed takkumpanja lill-parteċipanti.

Il-baħħara għandhom ibaħħru b'attenzjoni u bilmod u jżommu 'l bogħod miż-żona waqt il-ħin tal-għawma. Huma għandhom jobdu l-ordnijiet u d-direzzjonijiet li jingħataw mill-Valletta Port Control (Valletta VTS).

Chart affettwata: BA 211 (A), 2537, 2538, 194

It-2 ta' Awwissu, 2013

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 58 tal-2013

Ħruq ta' Multari mill-art max-Xatt tal-Grand Hotel Excelsior - Il-Port ta' Marsamxett

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li se jinħarqu ta' murtali għal madwar għaxar minuti mill-art max-xatt tal-Grand Hotel Excelsior fil-Port ta' Marsamxett minn punt A taċ-*chart* li tinsab fuq il-*website* ta' Transport Malta: (http://www.transport.gov.mt) nhar is-Sibt, it-3 ta' Awwissu, 2013 u l-Erbgħa, t-28 ta' Awwissu, 2013. Dawn se jinħarqu fil-pożizzjoni li ġejja:

Latitude (T)	*Longitude (L)*
35°53'.906	14°30'.291

Masters and operators of vessels are advised to navigate with caution and keep a slow speed when in the vicinity and to abide with any instructions given by Valletta VTS (Valletta Port Control) on VHF Channel 12.

Charts affected: BA 211 (A), 2537, 2538, 194

Positions referred to WGS 84 DATUM.

2nd August, 2013

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 57 of 2013

Swimming round Comino

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies that a group of swimmers will be organising a swim round Comino on Monday, 5th August, 2013.

Participants will depart from Crystal Lagoon at approximately 7.30 a.m. They are to swim in a group, staying close to the shoreline, towards Santa Maria and continue round back to Crystal Lagoon. The swimming event is expected to take around four (4) hours, weather permitting.

Support vessels S12183 (Ozzy Cruises) will accompany the participating swimmers at all time.

Mariners are advised to keep a sharp lookout and navigate at slow speed and well clear of the area during the stipulated time giving the swimmers a wide berth. They are to obey any instructions issued by Valletta VTS (Valletta Port Control)

Charts affected: BA 211A, 2537 and 2538

2nd August, 2013

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 58 of 2013

Fireworks Display from the Foreshore off Grand Hotel Excelsior – Marsamxett Harbour

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies Mariners that a 10 minute fireworks display will be held from the foreshore off the Grand Hotel Excelsior in Marsamxett Harbour from point A as shown on chart on Transport Malta's website: (http://www.transport.gov.mt) on Saturday, 3rd August, 2013 and Wednesday, 28th August, 2013. The display will be centered in the following position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35°53'.906	14°30'.291

Il-murtali se jinħarqu bejn id-9.30 p.m. u l-11.00 p.m.

Għandha tinżamm distanza ta' 200 metru mill-pożizzjoni mogħtija. Il-bastimenti kollha fiż-żona murija għandhom jitneħħew.

Il-baħħara għandhom jobdu l-ordnijiet u d-direzzjonijiet li jingħataw mill-Valletta Port Control (Valletta VTS).

Il-pożizzjonijiet jirreferu għal WGS 84 Datum

Chart affettwata: BA 177

It-2 ta' Awwissu, 2013

MINISTERU GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI, L-AMBJENT U TIBDIL FIL-KLIMA

Pożizzjoni ta' *Programme Manager (European Fisheries Fund)* fid-Direttorat għall-Affarijiet Ewropej

(Approvazzjoni skont il-Capacity Building Datata 23 ta' Ġunju, 2013)

Skont klawsola 3.1(l) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Programme Manager (European Fisheries Fund)* fil-Ministeru Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima.

Tul tal-*assignment* u kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'*assignment* ta' 36 xahar bħala *Programme Manager (European Fisheries Fund)* fil-Direttorat għall-Affarijiet Ewropej, li jista' jiġi mġedded għal perjodi oħra. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Programme Manager (European Fisheries Fund)* matul il-perjodu tal-*assignment*, ikollha l-*assignment* tagħha tterminat.

2.2 Din il-pożizzjoni hija marbuta ma' terminu ta' żmien fiss jew tkomplija ta' biċċa xogħol speċifika, u għaldaqstant dan jikkostitwixxi raġuni oġġettiva skont Regolament 7(4) ta' L.S. 452.81

2.3 Jekk persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sostantiv/*indefinite status* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u waqt il-perjodu tal-*assignment*, tinħatar fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 7, hija tkun meħtieġa li tħalli d-doveri ta' *Programme Manager (European Fisheries Fund)* u tkun ittrasferita għal doveri li jikkorrispondu mal-

The fireworks will be held between 9.30 p.m. and 11.00 p.m.

No boats are allowed within delineated sector of circle radius of 200 meters from the above position. Any boats berthed within the above area are to be removed.

Mariners are to comply with instructions issued by Valletta VTS (Valletta Port Control),

Position is in WGS 84 Datum

Chart affected: BA 177

2nd August, 2013

OFFICE OF THE PRIME MINISTER MINISTRY FOR SUSTAINABLE DEVELOPMENT, ENVIRONMENT AND CLIMATE CHANGE

Position of Programme Manager (European Fisheries Fund) in the EU Affairs Directorate

(Capacity building approval dated 23 June, 2013)

"In accordance with clause 3.1(l) of the current Collective Agreement, nomenclatures importing the male gender include also the female gender".

Permanent Secretary MSDEC, Ministry of Ministry for Sustainable Development, Environment and Climate Change invites applications for the position of Programme Manger (European Fisheries Fund) in the EU Affairs Directorate.

Duration of assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a 36 month assignment as a Programme Manager in the European Fisheries Fund within the EU Affairs Directorate, which may be renewed for further periods. Unsatisfactory performance as Programme Manager during the assignment period will lead to termination of the assignment

2.2 Since this position is time-barred or linked to the completion of a specific task, such constitutes an objective reason in terms of Regulation 7(4) of S.L. 452.81.

2.3 If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade/indefinite status in the Malta Public Service, and during the assignment period is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 7, he/she will be expected to relinquish the duties of Programme Manager (European Fisheries Fund) and be transferred to duties

grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sostantiv tal-persuna magħżula jitla' jitla' aktar mill-massimu ta' skala 7 permezz ta' *progression*, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu tal-ingaġġ tagħha kif ipprovdut bl-*assignment* fis-seħħ.

Salarju marbut mal-pożizzjoni

3. Is-salarju għall-pożizzjoni ta' *Programme Manager (European Fisheries Fund)* huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 7 (bħalissa € 23,422).

3.1 Jista' jitħallas *performance bonus* sa massimu ta' 10% tas-salarju. Ir-rata attwali tiġi stabbilita skond id-diskrezzjoni tas-Segretarju Permanenti (MSDEC).

3.2 Il-pożizzjoni tista' tkun ko-finanzjata taħt il-Fond Ewropew tas-Sajd 2007 – 2013 Bagit għall-Assistenza Teknika u/jew programmi Ewropej oħra.

.

Dmirijiet

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' *Programme Manager (European Fisheries Fund)* jinkludu:

(a) tmexxi l-implimentazzjoni effettiva tal-proġetti u programmi assenjati lilha, b'mod partikolari dawk marbuta mal-Fond Ewropew tas-Sajd, programmi suċċessuri tiegħu, skont ir-regoli applikabbli tal-UE jew nazzjonali;

(b) twettaq verifiki fuq l-immaniġġar tal-fondi (kemm *desk based* kif ukoll *on-the-spot*) fuq proġetti u programmi li jkunu qed jitqettqu;

(c) tipparteċipa *Monitoring Committees* relevanti;

(d) tiżgura l-implimentazzjoni tal-programmi ta' pubbliċità;

(e) tieħu ħsieb jew tikkontribwixxi għall-kitba ta' rapporti *(monitoring reports)*, verifika tal-ispiża, u dokumenti oħra skont il-bonn;

(f) Taħdem id f'id ma' ministeri oħra, u *stakeholders* orizzontali oħra, b'mod speċjali l-Awtorità ta' pagament/ Ċertifikazzjoni, l-Awtorità tal-Verifika, it-Teżor, u d-Dipartiment tal-Kuntratti kif ukoll *stakeholders* orizzontali oħra, *stakeholders* fosthom Sħab bil-għan li tiġi żviluppata fehma ċara tal-proċeduri u kontrolli marbutin mal-immaniġġar ta' Fondi Ewropej f'Malta;

(g) Taħdem id f'id/Tikkordina ma' entitajiet oħra fl-istess ministeru kif ukoll ma' Programmi u Aġenziji oħra li qed imexxu fondi Ewropej;

(h) Taħdem fuq *issues* li joħorġu mill-*Aquis* Ewropew dwar il-politika reġjonali inġenerali u b'mod partikolari dwar oqsma li għandhom x'jaqsmu ma' fondi Ewropej;

(i) Tiġbor data u twettaq riċerka skont il-ħtieġa;

(j) Twettaq dmirijiet oħra skont kif stabbilit minn żmien għal ieħor mid-Direttur (Affarijiet Ewropej) jew is-Segretarju Permanenti;

pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of a selected candidate becomes higher than the Maximum Scale 7 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the assignment in force.

Salary pegged to the position

3. The salary attached to the position of Programme Manager (European Fisheries Fund) is equivalent to the maximum point of Salary Scale 7 (currently €23,422).

3.1 A performance bonus of up to 10% of the salary may be payable. The actual rate will be established at the discretion of the Permanent Secretary (MSDEC)

3.2 The position may be co-financed by the 2007-2013 European Fisheries Fund Technical assistance budget and/or other EU funding programme.

Duties

4. The duties of Programme Manger European Fisheries Fund include:

a) managing the effective implementation of the projects and programmes assigned, in particular relating to the European Fisheries Fund and successor programmes, in accordance with applicable EU and national rules;

b) carrying out financial management verifications (desk based and on the spot) with respect to ongoing projects and programmes;

c) participating in the relevant Monitoring Committees;

d) overseeing the implementation of publicity programmes;

e) being involved in the drawing up of reports (monitoring reports), verification of expenditure and other documents as may be required;

f) liaising with line Ministries and horizontal stakeholders, particularly the Paying/Certifying Authority, the Audit Authority, the Treasury and the Department of Contracts and other relevant horizontal stakeholders including Partners with a view to developing a clear understanding of procedures and controls relating to the management of EU Funds in Malta;

g) Co-ordinating relevant matters within the Ministry as well as with other Programmes and Agencies managing EU Funds;

h) co-ordinating issues dealing with the EU Acquis concerning regional policy in general, and particular matters dealing with EU funds;

i) compiling data and carrying out research work as necessary;

j) carrying out other duties as may be determined from time to time by the Permanent Secretary (Ministry for Sustainable Development, Environment and Climate Change);

(k) Dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz, skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

It-twettiq ta' dawn id-dmirijiet jista' jirrikjedi li l-persuna maħtura bħala *Programme Manager (European Fisheries Fund)* tintalab taħdem barra mill-ħinijiet normali tax-xogħol (inkluż fi tmiem il-ġimgħa) u li tivvjaġġa barra l-pajjiż fuq xogħol skont il-ħtieġa.

Aktar dettalji dwar id-dmirijiet marbuta ma' din il-pożizzjoni jistgħu jinkisbu mid-Uffiċċju għar-Riżorsi Umani, 3et Sular, Milennia Building, Triq Aldo Moro, Il-Marsa MRS9065, Malta.

Rekwiżiti tal-eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(ċ) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet

k) carrying out any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

The above may require that the Programme Manager (European Fisheries Fund) works outside office hours (including weekends) to meet deadlines and travel abroad on official business as and when necessary.

More information with regards to the duties related to this position can be obtaiued from the Human Resources Office, 3rd floor, Millenia Building, Triq Aldo Moro, Marsa, MRS9065, Malta.

Eligibility requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment

fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) ikunu kapaċi jikkomunikaw b'mod effettiv kemm bil-lingwa Maltija kif ukoll b'dik Ingliża;

(iii) (a) ikollhom *post-graduate degree (Masters')* f' MQF Level 7 fil-*European Studies* jew *International Studies* jew fil-*Management Studies* jew fil-*Business Studies* jew jew fl-*Accountancy* jew fil-*Public Policy* jew *Commerce* jew *Legal Studies* jew *Scientific Studies* jew kwalifika xierqa komparabbli relatata, u rikonoxxuta, u sena esperjenza ta' xogħol relevanti mad-dmirijiet elenkati f'Paragrafu 4;

jew

(b) ikollhom *first degree* f'MQF Level 6 fil-*European* jew *International Studies* jew fil-*Management Studies* jew fil-*Business Studies* jew *Accountancy* jew fil-*Public Policy* jew *Commerce* jew *Legal Studies* jew *Scientific Studies* jew kwalifika relatata, u fil-Liġi jew fl-Istudju Legali jew f'suġġett relatat, jew kwalifika xierqa komparabbli u rikonoxxuta, u tlett snin esperjenza ta' xogħol relevanti mad-dmirijiet elenkati f'Paragrafu 4;

Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew appovati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa ghall-applikazzjonijiet.

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

5.2. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafu 5.1, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

5.3 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-*link* aktar 'l isfel).

licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(ii) have the ability to communicate in/must be proficient in the Maltese and English languages;

(iii) (a) in possession of a recognized postgraduate degree (Masters) at MQF Level 7 in Management Studies or Business Studies, or Accountancy, or Public Policy, or Commerce, or Legal Studies or European Studies or International Studies, or Scientific Studies, or in a related area of study, or a recognized appropriate comparable qualification, plus one (1) year work experience relevant to the duties in paragraph 4 above;

or

(b) in possession of a recognised degree, at MQF Level 6, in Management Studies, or Business Studies, or Accountancy, or Public Policy, or Commerce, or Legal Studies or European Studies or International Studies or Scientific Studies, or in a related area of study, or a recognised appropriate comparable qualification plus three (3) years work experience relevant to the duties in paragraph 4 above;

Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question by the closing time and date of the call for applications.

(iv) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

5.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraph 5.1, have proven relevant work experience and has the ability to work under pressure.

5.3 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tinthemeż mal-applikazzjoni. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati.

6.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-għażla

7. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni.

Sottomissjoni tal-applikazzjoni

8. L-applikazzjonijiet flimkien mal-*curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu mill-Uffiċċju għar-Riżorsi Umani fil-Ministeru Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima, Tielet Sular, Millennia Building, Triq Aldo Moro, Il-Marsa sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Awwissu 2013. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Dispożizzjonijiet ġenerali oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:

kundizzjonijiet applikabbli oħrajn;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilità;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
il-proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
eżami mediku;
aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati
żamma ta' dokumenti

jinsabu fis-sit elettroniku tad-Direttorat tar-*Resourcing*, Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fl-indirizz: (http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=371). Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Għall-fini ta' paragrafu 6.2 tal-Provvedimenti Ġenerali ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-indirizz tal-*email* huwa (euaffairs.msdec@gov.mt).

10. Skont ir-*Retention Policy* ta' dokumenti li għandhom x'jaqsmu mar-riżorsi umani fis-Servizz Pubbliku

Submission of supporting documentation

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable.

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection procedure

7. Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the position.

Submission of applications

8. Applications, together with a curriculum vitae showing qualifications and experience, will be received by the Human Resources Office, Ministry for Sustainable Development, The Environment and Climate Change, 3rd Floor, Milennia Building, Aldo Moro Street, Marsa by not later than noon (Central European Time) of Friday, 23rd August 2013. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Other general provisions

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

other applicable conditions;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
the submission of recognition statements in respect of qualifications;
the publication of the result;
the process for the submission of petitions concerning the result;
medical examination;
access to application forms and related details;
retention of documents

may be viewed by accessing the website of the Public Administration HR Office at the address: (http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=371). These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

For the purpose of paragraph 6.2 of the General Provisions of this call for applications, the e-mail address is (euaffairs.msdec@gov.mt).


10. In accordance with the Retention Policy of HR Documents in the Malta Public Service, applications for

ta' Malta, l-applikazzjonijiet ta' dawk l-applikanti li jinħatru fil-pożizzjonijiet marbuta ma' din is-sejħa jibqgħu jinżammu għall-perjodu mitlub mir-regolamenti tal-programm/i tal-Unjoni Ewropea li għalihom qiegħda tinħareġ din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

these positions shall be retained until age 75 in the case of the appointed persons. All other applications will be retained for the period stipulated in the regulations governing the EU programme/s for which the call is issued.

It-2 ta' Awwissu, 2013

2nd August 2013



Programm Operattiv tas-Sajd 2007-2013
Din is-sejħa hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew għas-Sajd (FES)
Rata ta' Ko-finanzjament: 85% Fondi UE u 15% Fondi Nazzjonali
Ninvestu f'sajd sostenibbli



Fisheries Operational Programme 2007-2013
Call part-financed by the European Union
European Fisheries Fund (EFF)
Co-financing rate: 75% EU Funds; 25% National Funds

Investing in sustainable fisheries

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

Pożizzjoni ta' *Project Manager* għall-Proġett "Introducing a Competence Assessment Framework for Healthcare Professionals" (ESF 4.222) fil-Ministeru tas-Saħħa

(Approvazzjoni skont il-*capacity building* datata 7 ta' Lulju 2013)

Skont klawsola 3.1(l) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Id-Direttur (Prattiki tar-Riżorsi Umani) għas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għas-Saħħa jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Project Manager* għall-Proġett *"Introducing A Competence Assessment Framework for Healthcare Professionals"* (ESF 4.222) fil-Ministeru għas-Saħħa.

Tul tal-*assignment* u kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'*assignment* sal-31 ta' Diċembru 2014 bħala *Project Manager* għall-Proġett *"Introducing A Competence Assessment Framework for Healthcare Professionals"* (ESF 4.222) fil-Ministeru għas-Saħħa, li jista' jiġi mġedded għal perjodi oħra jekk il-proġett ikun estiż. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Project Manager* għall-Proġett *"Introducing A Competence Assessment Framework for Healthcare Professionals"* (ESF 4.222) matul il-perjodu tal-*assignment,* ikollha l-*assignment* tagħha tterminat. Il-proġett kif ukoll il-pożizzjoni huma parzjalment finanzjati mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Soċjali Ewropew – Programm Operattiv II 'Insaħħu Ħilitna

MINISTRY FOR HEALTH

Position of Project Manager for the Project "Introducing a Competence Assessment Framework for Healthcare Professionals" (ESF 4.222) in the Ministry for Health

(Capacity building approval dated 7th July 2013)

In accordance with clause 3.1(l) of the current Collective Agreement, nomenclatures importing the male gender include also the female gender.

The Director (Human Resources Practices) on behalf of the Permanent Secretary, Ministry for Health, invites applications for the position of Project Manager for the Project "Introducing A Competence Assessment Framework for Healthcare Professionals (ESF 4.222) in the Ministry for Health.

Duration of assignment and conditions

2.1 A selected candidate will enter into an assignment up to 31 December 2014 as a Project Manager for the Project "Introducing a Competence Assessment Framework for Healthcare Professionals" (ESF 4.222) in the Ministry for Health, which may be renewed for further periods if the project is extended. Unsatisfactory performance as Project Manager for the Project "Introducing A Competence Assessment Framework for Healthcare Professionals" (ESF 4.222) during the assignment period will lead to termination of the assignment. The project and the position are part-financed by the European Union under the European Social Fund – Operational Programme II 'Empowering People for

għal Aktar Impiegi u Kwalità ta' Ħajja Aħjar', Politika ta' Koeżjoni 2007-2013.

2.2. Din il-pożizzjoni hija marbuta ma' terminu ta' żmien fiss jew tkomplija ta' biċċa xogħol speċifika, u għaldaqstant dan jikkostitwixxi raġuni oġġettiva skont Regolament 7(4)(c) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat "Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss."

2.3 Jekk persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sostantiv/*indefinite status* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u waqt il-perjodu tal-*assignment,* tinħatar fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 7, hija tkun meħtieġa li tħalli d-doveri ta' Project Manager għall-Proġett *"Introducing A Competence Assessment Framework for Healthcare Professionals"* (ESF 4.222) u tkun ittrasferita għal doveri li jikkorrispondu mal-grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sostantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 7 permezz ta' *progression*, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu tal-ingaġġ tagħha kif ipprovdut bl-assignment fis-seħħ.

Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

3. Is-salarju għal din il-pożizzjoni ta' Project Manager għall-Proġett *"Introducing A Competence Assessment Framework for Healthcare Professionals"* (ESF 4.222) huwa ekwivalenti għall-minimu ta' Skala ta' Salarju 7, li fl-2013 hija €20,234.98 fis-sena, li tiżdied b'€531.17 fis-sena sa massimu ta' €23,422.00.

Dmirijiet

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' Project Manager għall-Proġett *"Introducing A Competence Assessment Framework for Healthcare Professionals"* (ESF 4.222) jinkludu:

Tieħu ħsieb l-immaniġġar u l-amministrazzjoni tal-Proġett *"Introducing A Competence Assessment Framework for Healthcare Professionals"* (ESF 4.222) taħt il-Programm Operattiv II – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013;

Tipprepara dokumenti ta' offerti u attivitajiet oħra relatati mal-proċess tal-offerti inkonessjoni mal-Proġett *"Introducing A Competence Assessment Framework for Healthcare Professionals"* (ESF 4.222) taħt il-Programm Operattiv II – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013;

Tikkoordina riċerka dwar is-suq u kampanji ta' pubbliċità kif ukoll riċerka oħra neċessarja relatata ma' dan il-qasam sabiex jinkisbu r-riżultati kif ipproġettati;

Tidentifika dawk l-elementi ta' riskju, u tagħmel evalwazzjonijiet kemm kwantitattivi kif ukoll kwalitattivi ta' dawn l-elementi biex b'hekk tistabbilixxi soluzzjonijiet affidabbli u rilevanti u tieħu azzjoni korrettiva immedjata

More Jobs and a Better Quality of Life' – Cohesion Policy 2007-2013.

2.2 Since this position is time-barred or linked to the completion of a specific task, such constitutes an objective reason in terms of Regulation 7(4)(c) of Subsidiary Legislation 452.81 entitled "Contracts of Service for a Fixed term Regulations".

2.3 If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade/indefinite status in the Malta Public Service, and during the assignment period is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 7, he/she will be expected to relinquish the duties of Project Manager for the "Introducing a Competence Assessment Framework for Healthcare Professionals" (ESF 4.222) and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of a selected candidate becomes higher than the maximum of Scale 7 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the assignment in force.

Salary Pegged to the Position

3. The salary attached to the position of Project Manager for the Project "Introducing a Competence Assessment Framework for Healthcare Professionals" (ESF 4.222) is equivalent to minimum Salary Scale 7, which in 2013 is of € 20,234.98 per annum, rising by annual increments of € 531.17 up to a maximum of,€ 23,422.00

Duties

4. The duties of Project Manager for the Project "Introducing a Competence Assessment Framework for Healthcare Professionals" (ESF 4.222) include:

Day-to-day management and administration of the Project "Introducing a Competence Assessment Framework for Healthcare Professionals" (ESF 4.222) under the Operational Programme II – Cohesion Policy 2007-2013;

Preparation of tender documents and other tender process related activities in connection with the Project "Introducing a Competence Assessment Framework for Healthcare Professionals" (ESF 4.222) under the Operational Programme II – Cohesion Policy 2007-2013;

Coordination of market research and publicity campaigns and the necessary related research in order to achieve the projected results;

Identifying risk elements, and carrying out the quantitative and qualitative assessment of these elements in order to establish reliable and relevant solutions and taking immediate corrective action so that the project's actual implementation

biex b'hekk l-implimentazzjoni tal-proċess tal-proġett tibqa' għaddejja skont kif kien ippjanat, u tinforma lill-*Leader* tal-proġett b'mod immedjat jekk ikun hemm xi fatturi straordinarji li jistgħu jaffettwaw l-implimentazzjoni ta' dan il-proġett;

process remains in line with the project plan and informing the Project Leader immediately of any extraordinary factors affecting the implementation of this project;

Tassigura li l-fondi allokati għal dan il-proġett jiġu utilizzati kollha kif ippjanat;

Ensuring that the allocated funds for this project are fully utilised as planned;

Tassigura li r-rekwiżiti kollha finanzjarji u l-proċeduri kif stabbilit minn l-awtoritajiet kompetenti qed jiġu osservati fl-eżekuzzjoni ta' dan il-proġett u mill-benefatturi tal-proġett;

Ensuring that all financial requirements and procedures, as established by the competent authorities, are adhered to in the execution of the Project and by Project beneficiaries.

Tinforma b'mod regolari lill-partijiet interessati kollha skont iċ-ċirkostanzi;

Reporting regularly to all the relevant stakeholders as required;

Tagħmel monitoraġġ tar-riżultat aħħari ta' dan il-proġett u li l-għanijiet li ġew stabbiliti jiġu milħuqa;

Monitoring the outcome of this project and the attainment of the targeted results;

Iżżomm lista aġġornata regolarment tal-benefiċjari prospettivi;

Maintaining a regularly updated list of potential beneficiaries;

Tassigura konformità mar-regoli kemm dawk fil-Komunità kif ukoll dawk nazzjonali, mal-*Manual of Procedures* u dokumentazzjoni oħra li għandha x'taqsam mal-implimentazzjoni ta' xi proġett li jkun eliġibbli taħt il-Programm Operattiv II – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013;

Ensuring compliance with applicable Community and national rules, Manual of Procedures and other documentation related to the implementation of a project eligible under the Operational Programme II – Cohesion Policy 2007-2013

Iżżomm lilha nnifisha aġġornata mat-tibdiliet u l-iżviluppi li jistgħu jseħħu, tattendi l-laqgħat, u tieħu passi sabiex iżżomm ruħha infurmata dwar żviluppi fuq obbligazzjonijiet li joħorġu mir-regoli u r-regolamenti tal-Komunità;

Keeping abreast of changes and developments, attending meetings and acting to be well informed with regards to developments about obligations arising under the Community rules and regulations;

Tistabbilixxi relazzjonijiet tajba ma' dawk l-aġenżiji, l-istituzzjonijiet u l-entitajiet li għandhom sehem f'dan il-qasam biex dan il-proġett jiġi implimentat b'suċċess;

Liaising with all the necessary agencies, institutions and bodies involved for the successful implementation of this project;

Iżżomm id-dokumentazzjoni li għandha x'taqsam mal-Proġett;

Maintaining and keeping proper documentation related to the Project;

Tirrekordja, żżomm u tipprovdi l-informazzjoni lill-*monitoring bodies;*

Recording, storing and providing information to monitoring bodies;

Tieħu inizzjattivi u tagħmel eżerċizzji ta' *Public Relations* relatati mal-Proġett;

Undertaking public relations initiatives and exercises connected to the Project;

taqdi kwalunkwe dmir neċessarju ieħor ħalli dan il-proġett ikun wieħed ta' suċċess skont kif indikat mill-*Project Leader;*

Performing any other duties necessary for the successful implementation of the Project as may be assigned by the Project Leader;

tkun preparata li ttejjeb il-ħiliet tagħha billi tieħu taħrig kemm internament kif ukoll b'mod estern u tkun kapaċi tadatta ruħha għad-dmirijiet varji relatati ma' dan ix-xogħol;

Being prepared to improve skills through internal and external training, and being able to adapt to the variety of commitments related to the job;

tagħmel risk analysis u żżomm aġġornat lill-*Project Leader* b'mod regolari dwar kwalunkwe diffikultajiet

carrying out risk analysis and keeping the Project Leader duly informed about any difficulties encountered or expected to be encountered and the progress made towards

li ltaqgħet magħhom jew li taħseb li tiltaqa' magħhom u l-progress li jkun għaddej biex jintlaħqu r-riżultati kif ipproġettati fiż-żmien previst;

tispezzjona l-andament tal-proġett;

dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;

tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għas-Saħħa.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tal-provvedimenti msemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u

the completion of the Project according to the specified timeframe;

reviewing the progress of the Project;

any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary;

making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Health.

Eligibility Requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c)citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training

t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u dik Ingliża;

(iii) ikollhom *post-graduate degree* (Master's) pertinenti, f'Livell 7 tal-MQF, jew kwalifika rikonoxxuta, xierqa u komparabbli, kif ukoll sena esperjenza prattika fl-Amministrazzjoni Pubblika u/jew *Project Management* wara l-kisba tal-imsemmija *degree*/kwalifika;

JEW

Ikollhom *first degree* pertinenti f'Livell 6 tal-MQF jew kwalifika rikonoxxuta komparabbli u xierqa, u jkollhom tliet (3) snin esperjenza prattika fl-Amministrazzjoni Pubblika u/jew *Project Management* wara l-kisba tal-imsemmija *degree*/kwalifika;

JEW

Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta fi skala mhux inqas minn Skala 10 u jkollhom mill-inqas sitt (6) snin esperjenza prattika fl-Amministrazzjoni Pubblika u/jew *Project Management*.

Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

5.2. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafu 5.1, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

5.3 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw il-proviżjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-link aktar 'l isfel).

Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(ii) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

(iii) in possession of a pertinent post-graduate degree (Master's), at MQF Level 7, or a recognized, appropriate, comparable qualification, and one year practical experience in Public Administration and/or Project Management after the attainment of said degree/qualification;

OR

in possession of a pertinent first degree at MQF Level 6, or a recognized appropriate comparable qualification, and three (3) years practical experience in Public Administration and/or Project Management after the attainment of said degree/qualification;

OR

Public Officers in a Scale not below Scale 10 with six (6) years practical experience in Public Administration and/or Project Management.

Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question by the closing time and date of the call for applications.

(iv) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

5.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraph 5.1, have proven relevant work experience.

5.3 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati.

6.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

7. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

L-applikazzjonijiet flimkien mal-*curriculum vitae* li juri l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu mid Direttur (Prattiki tar-Riżorsi Umani), Ministeru għas-Saħħa, f'6, Sqaq Harper, Floriana FRN 1940 sa mhux aktar tard min-nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Awwissu 2013. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

8.2 Skont ir-*Retention Policy* ta' dokumenti li għandhom x'jaqsmu mar-riżorsi umani fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, applikazzjoni ta' applikant/a maħtur/a fil-pożizzjoni marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet tibqa' tinżamm sa għaxar snin mid-data tal-irtirar tal-persuna magħżula. Il-bqija tal-applikazzjonijet jibqgħu jinżammu għall-perjodu mitlub mir-regolamenti tal-programm tal-Unjoni Ewropea li għalihom qiegħda tinħareġ din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Dispożizzjonijiet ġenerali Oħra

Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:

kundizzjonijiet oħra marbuta mal-assignment/kuntratt;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilità;
sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;

pubblikazzjoni tar-riżultat;
il-proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
eżami mediku;
aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti

jinsabu fis-sit elettroniku tad-Direttorat tar-Resourcing, Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fl-indirizz:(http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=372) jew jinkisbu mid-Direttorat tal-Prattiki tar-Riżorsi Umani,

Submission of Supporting Documentation

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable.

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedure

7. Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the position.

Submission of Applications

Applications, together with a curriculum vitae showing qualifications and experience, will be received by the Director (Human Resources Practices), Ministry for Health at 6, Sqaq Harper, Floriana, FRN 1940 by not later than noon (Central European Time) of Friday, 23rd August 2013. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

8.2 In accordance with the Retention Policy of HR Documents in the Malta Public Service, the application for this position shall be retained until ten years after the age of retirement of the appointee. All other applications will be retained for the period stipulated in the regulations governing the European Union programme for which this call is issued.

Other General Provisions

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

the conditions relating to the assignment/contract;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
the submission of recognition statements in respect of qualifications;
the publication of the result;
the process for the submission of petitions concerning the result;
medical examination;
access to application forms and related details;
retention of documents.

may be viewed by accessing the website of the Public Administration HR Office at the address http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=372 or may be obtained from Human Resources Practices Directorate, Ministry for Health, 6, Sqaq

Ministeru għas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, Floriana, FRN 1940. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Għall-fini ta' paragrafu 6.2 tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, in-numru tal-*fax* tad-Direttorat riċeventi huwa: +356 - 2123 5890 filwaqt li l-indirizz tal-*email* huwa: (recruitment.mfh@gov.mt).

Harper, Floriana, FRN 1940. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

For the purpose of paragraph 6.2 of the General Provisions of this call for applications, the fax number of the receiving Directorate is +356 - 2123 5890 and the e-mail address is: (recruitment.mfh@gov.mt).

It-2 ta' Awwissu, 2013

2nd August, 2013

Programm Operattiv II – Politika ta' Koeżjoni 2007 – 2013
Insaħħu Ħilitna għal Aktar Impiegi u Kwalità ta' Ħajja Aħjar
Din il-pożizzjoni hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea
Fond Soċjali Ewropew (FSE)
Rata ta' ko-finanzjament: 85% Fondi UE, 15% Fondi Nazzjonali,
Ninvestu fil-futur tiegħek

Operational Programme II – Cohestion Policy 2007 – 2013
Empowering People for More Jobs and a Better Quality of Life
This position is part-financed by the European Union
European Social Fund (ESF)
Co-financing rate: 85% EU Funds, 15% National Funds,
Investing in your future

UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post ta' Assistant Technical Officer
Printing Unit

Jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-post ta' *Assistant Technical Officer (Printer I)*. Il-maħtur ikun meħtieġ li jassisti lill-Uffiċjal Amministrattiv *(Printing)* u entitajiet oħra fl-Universita'

Il-kandidati jrid ikollhom kwalifika fid-Diploma Nazzjonali (Livell MQF 4) jew ekwivalenti; jew 5 SEC *passes* inklużi Malti, Lingwa Ingliża, Matematika u suġġett ieħor fix-Xjenza, u mill-inqas ħames (5) snin esperjenza f'ambjent tekniku.

Is-salarju marbut ma' dan il-post huwa ta' €13,553 b'żidiet ta' €317 fis-sena sa massimu ta' €15,455. Wara sentejn ta' ħidma sodisfaċenti f'dan il-grad, il-maħtur ikun intitolat li jgħaddi għat-tarġa li jmiss fl-iskala tas-salarju b'żidiet ta' €335 fis-sena sa massimu ta' €16,464. Wara sentejn oħra ta' ħidma sodisfaċenti, il-maħtur ikun intitolat li jgħaddi għat-tarġa li jmiss fl-iskala tas-salarju b'żidiet ta' €354 sa' massimu ta' €17,525.

Il-kandidati għandhom jibagħtu l-ittra tal-applikazzjoni b'*e-mail* lil (recruitment.hrmd@um.edu.mt), flimkien ma' kopja tal-*curriculum vitae*, u kopja waħda ta' ċertifikati.

UNIVERSITY OF MALTA

Post of Assistant Technical Officer
Printing Unit

Applications will be received for the post of Assistant Technical Officer (Printer I). The appointee will be required to assist the Administrative Officer (Printing) or other entities of the University.

Applicants should be in possession of a National Diploma (MQF Level 4) Qualification or equivalent; or 5 SEC passes including Maltese, English Language, Mathematics and a Science subject, and at least five (5) years experience in a technical environment.

The salary attached to the post is €13,553 rising by annual increments of €317 up to €15,455. On completion of two years service in this grade, the appointee will, on satisfactory performance, be entitled to move on to the next salary band with annual increments of €335 up to a maximum of €16,464. After a further period of two years, the appointee will on satisfactory performance be entitled to move on to the next band with annual increments of €354 up to a maximum of €17,525.

Applicants should submit their letter of application by e-mail to (recruitment.hrmd@um.edu.mt) together with a copy of their curriculum vitae and one set of copies of their certificates.

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, 9 ta'Awwissu, 2013.

Applikazzjonijiet li jaslu tard jiġux ikkunsidrati.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Kamra 214, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website*: (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

It-2 ta' Awwissu, 2013

UNIVERSITÀ TA' MALTA

***Resident Academic Full-Time Post* tal-Midja Diġitali**
Illustrazzjoni u Animazzjoni
Dipartiment tal-Arti Diġitali
Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien

Jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-post full-time ta' *Resident Academic Full Time* fil-Midja Diġitali – Illustrazzjoni u Animazzjoni, fid-Dipartiment tal-Arti Diġitali, fil-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien, fl-Università ta' Malta. Din il-ħatra hija fuq bażi indefinit, soġġetta għall-prova ta' sena, sal-età statutorja tal-irtirar.

Il-persuna magħżula tkun mistennija li tipparteċipa fit-tagħlim, riċerka, amministrazzjoni u attivitajiet oħra fid-Dipartiment tal-Arti Diġitali, fil-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien, u kif ikun meħtieġ mill-Università.

Il-kandidat ideali ikun qed taħdem fil-qasam tal-illustrazzjoni u animazzjoni u huwa mistenni li jwettaq riċerka fuq livell internazzjonali f'dan il-qasam. Il-kandidat ideali iħaddem flimkien riċerka teoretika u prattikau u jissorvelja l-istudenti f'suġġetti relatati mal-illustrazzjoni u animazzjoni u l-produzzjoni tal-midja diġitali b'mod ġenerali. Il-kandidat magħżul jeħtieġ li jkollu esperjenza fit-tagħlim u l-iżvilupp tal-kurrikulu.

Il-kandidati għandu jkollhom Ph.D. jew dottorat ekwivalenti bbażat fuq ir-riċerka relevanti fil-Midja Diġitali - Illustrazzjoni u/jew Animazzjoni jew dixxiplina relatata. Esperjenza fl-industrija u *track record* fir-riċerka interdixxiplinari u t-tagħlim jitqiesu bħala vantaġġ.

Ir-*Resident Academic* Stream hija magħmula minn erba' gradi, li huma l-Professur, Professur Assoċjat, Lettur Anzjan u l-Lettur. Il-grad tal-Lettur jew ogħla tingħata lil dawk il-persuni li għandhom il-Ph.D. jew riċerka ekwivalenti bbażata fuq id-dottorat bi gwidi stretti stabbiliti mill-Università.

Is-salarji marbuta għal 2013 li jingħata lill-gradi rispettivi fir-*Resident Academic Stream* huma kif ġej: marbuta ma' dawn il-gradi fir-*Resident Academic Stream* huma kif ġej:

Applications should be received by noon of Friday, 9th August, 2013.

Late applications will not be considered.

Further information may be obtained from the Office for Human Resources Management and Development, Administration Building, Room 214, or from the website: (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

2nd August, 2013

UNIVERSITY OF MALTA

Resident Academic Full-Time Post in Digital Media
Illustration and Animation
Department of Digital Arts
Faculty of Media and Knowledge Sciences (MaKS)

Applications are invited for a full-time Resident Academic Post in Digital Media – Illustration and Animation in the Department of Digital Arts within the Faculty of Media and Knowledge Sciences (MaKS) of the University of Malta. The appointment will be on an indefinite basis, subject to a one-year probationary period, up to statutory retirement age.

The appointee will be required to contribute to the teaching, research and other activities of the Department of Digital Arts within the Faculty of Media and Knowledge Sciences (MaKS), and as may be required by the University.

The ideal candidate would be working in the field of illustration and animation and is expected to conduct research at an international level within this area. The ideal candidate weaves together theoretical and practice-based research and is able to supervise students in topics related to illustration and animation and to digital media production in general. The successful candidate needs to have experience with teaching and curriculum development.

Candidates must be in possession of a Ph.D. or an equivalent research-based doctorate in Digital Media - Illustration and/or Animation or an allied discipline. Industry experience and a track record in interdisciplinary research and teaching will be considered an asset

The Resident Academic Stream is composed of four grades, being Professor, Associate Professor, Senior Lecturer and Lecturer. Entry into the grade of Lecturer or above shall only be open to persons in possession of a Ph.D. or an equivalent research based doctorate within strict guidelines established by the University.

The annual salary for 2013 attached to the respective grades in the Resident Academic Stream is as follows:

Professur €38,592 flimkien ma'*Academic Supplement* ta' €26,881 u *Professorial Allowance* ta' €2,100

Professur Assoċjat €35,423 flimkien ma' *Academic Supplement* €20,596 u *Professorial Allowance* ta' €1,282

Lettur Anzjan €32,068 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €14,734

Letter €26,340 b'żieda fis-sena ta' €641 sa €28,263 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €12,120

L-Università ta' Malta tipprovdi lill-istaff akkademiku b'riżorsi finanzjarji mill-*Academic Resources Fund* biex jissapportja l-iżvilupp professjonali u biex jipprovdi l-għodda u r-riżorsi meħtieġa mill-istaff akkademiku biex jissodisfa t-tagħlim u l-impenn tal-*Academic Research* fi ħdan l-Università.

L-Università ta' Malta tista' tapponta kandidati ppromettenti u eċċezzjonali fi grad ta' Assistent Lettur, jekk ikunu lesti li jġibu l-kwalifiki neċessarji biex jidħlu fir-*Resident Academic Stream*. Dawn il-kandidati ikunu jew ġabu rizultati eċċezzjonali fil-livell tal-*undergraduate*, jew jkollhom diġa kwalifika fil-*Masters*, jew inkella jkunu diġà fil-pussess jew fil-proċess li jkollhom il-PhD.

Assistent Lettur bil-*Masters* €24,569 b'żidiet annwali ta' €596 sa €26,357 u b'*Academic Supplement* ta' €4,297

Assistent Lettur €22,865 b'żidiet annwali ta' €531 sa €24,458 u b'*Academic Supplement* ta' €4,088

Il-kandidati għandhom jibagħtu l-ittra tal-applikazzjoni b'*e-mail* lil (recruitment.hrmd@um.edu.mt), flimkien ma' kopja tal-*curriculum vitae*, kopja waħda ta' ċertifikati u ismijiet u indirizzia (jew *e-mails*) ta' tliet *referees*.

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, 23 ta' Awwissu, 2013.

Applikazzjonijiet li jaslu wara din id-data ma jiġux ikkunsidrati.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Kamra 214, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website*: (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

It-2 ta' Awwissu, 2013

Professor €38,592 plus an Academic Supplement of €26,881and a Professorial Allowance of €2,100

Associate Professor €35,423 plus an Academic Supplement of €20,596 and a Professorial Allowance of €1,282

Senior Lecturer €32,068 plus an Academic Supplement of €14,734

Lecturer €26,340 with an annual increment of €641 to €28,263 and a plus an Academic Supplement of €12,120

The University of Malta will provide academic staff with financial resources through the Academic Resources Fund to support continuous professional development and to provide the tools and resources required by an academic to adequately fulfil the teaching and academic research commitments within the University.

The University of Malta may also appoint promising and exceptional candidates into the grade of Assistant Lecturer, provided that they are committed to obtain the necessary qualifications to enter the Resident Academic Stream. Such candidates will either have achieved exceptional results at undergraduate level, be already in possession of a relevant Masters qualification, or would have been accepted for or already in the process of achieving their PhD.

Assistant Lecturer with Masters €24,569 with an annual increment of €596 to €26,357 and an Academic Supplement of €4,297

Assistant Lecturer €22,865 with an annual increment of €531 to €24,458 and an Academic Supplement of €4,088

Applicants should submit their letter of application by e-mail to recruitment.hrmd@um.edu.mt together with a copy of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates and the names and addresses (or e-mails) of three referees.

Applications should be received by noon of Friday, 23rd August, 2013

Late applications will not be considered.

Further information may be obtained from the Office for Human Resources Management and Development, Administration Building, Room 214, or from the website: (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

2nd August, 2013

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI (KAP. 363)
(A.L. 54 tal-2010)

Regolamenti tal-2010 dwar Kumitati Amministrattivi għall-Komunitajiet

Għall-finijiet tar-regolament 90 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), u kif stabbilit bir-regolament 4 tal-Avviż Legali Nru. 54 tal-2010, il-Kummissjonarji Elettorali javżaw illi ma ġiet ippreżentata ebda kandidatura għall-elezzjoni każwali ta' Membru tal-Kumitat Amministrattiv għall-Komunità ta' Burmarrad (San Pawl il-Baħar).

SALV. GAUCI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

It-2 ta' Awwissu, 2013

LOCAL COUNCILS ACT (CAP. 363)
(L.N. 54 of 2010)

Administrative Committees for Communities Regulations, 2010

For the purposes of regulation 90 of the Third Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), and as established by regulation 4 of Legal Notice No. 54 of 2010, the Electoral Commissioners hereby notify that no candidatures were presented for the casual election of a Member of the Administrative Committee for the Community of Burmarrad (San Pawl il-Baħar).

SALV. GAUCI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Il-Belt Valletta.

2nd August, 2013

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Bis-saħħa tar-regolament 90 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu illi l-kandidat nominat skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 tal-iskeda msemmija hawn fuq, għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għal-Lokalità ta' San Pawl il-Baħar huwa dan li ġej, jiġifieri:

Kandidat Nominat

MALLIA OLIVER

Il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu wkoll illi huma se jibdew jeżaminaw il-poloz tas-Sur Carmel Hili għal-Lokalità ta' San Pawl il-Baħar, skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 91 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), nhar it-Tnejn, il-5 ta' Awwissu, 2013 f'nofsinhar fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali, Evans Building, Misraħ Sant'Jiermu, Il-Belt Valletta.

SALV. GAUCI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

It-2 ta' Awwissu, 2013

LOCAL COUNCILS ACT
(CAP. 363)

Notice

By virtue of regulation 90 of the Third Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners hereby notify that the candidate nominated in accordance with the provisions of regulation 89 of the aforesaid schedule for the casual election of a Councillor for the Locality of Saint Paul's Bay is the following that is:

Nominated Candidate

MALLIA OLIVER

The Electoral Commissioners further notify that they will proceed to examine the ballot papers of Mr Carmel Hili for the Locality of Saint Paul's Bay, in accordance with the provisions of regulation 91 of the Third Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), on Monday, 5th August, 2013 at noon at the Electoral Office, Evans Building, St. Elmo Square, Il-Belt Valletta.

SALV. GAUCI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Il-Belt Valletta.

2nd August, 2013

FORZI ARMATI TA' MALTA

Programm ta' Sparar Attiv f'Pembroke Ranges matul Settembru u Ottubru 2013

Se jsir taħriġ ta' sparar attiv f'Pembroke Ranges matul ix-xhur ta' Settembru u Ottubru 2013, fid-dati u l-ħinijiet li ġejjin:

It-Tnejn, 2nd Settembru, 2013 sal-Ġimgħa, 6 ta' Settembru, 2013: mis-7.00 a.m. sas-1.30 p.m. (Ħin Lokali)

It-Tnejn, 9 ta' Settembru, 2013 sal-Ġimgħa 13 ta' Settembru, 2013: mis-7.00 a.m. sas- 1.30 p.m. (Ħin Lokali)

It-Tnejn, 16 ta' Settembru, 2013 sal-Ġimgħa 20 ta' Settembru, 2013: mis-7.00 a.m. sas-1.30 p.m. (Ħin Lokali)

It-Tnejn, 23rd Settembru, 2013 sal-Ħamis, 26 ta' Settembru, 2013 mis-7.00 a.m. sas-1.30 p.m. (Ħin Lokali)

Tuesday, l-1 ta' Ottubru, 2013 sal-Ġimgħa, 4 ta' Ottubru, 2013: mis-7.00 a.m. sal-4.00 p.m. (Ħin Lokali)

It-Tnejn, 7 ta' Ottubru, 2013 sal-Ġimgħa, 11 ta' Ottubru, 2013: mis-7.00 a.m. sal-4.00 p.m. (Ħin Lokali)

It-Tnejn, 14 ta' Ottubru, 2013 sal-Ġimgħa, 18 ta' Ottubru, 2013: mis-7.00 a.m. sal-4.00 p.m. (Ħin Lokali)

It-Tnejn, 21 ta' Ottubru, 2013 sal-Ġimgħa, 25 ta' Ottubru, 2013: mis-7.00 a.m. sal-4.00 p.m. (Ħin Lokali)

It-Tnejn, 28 ta' Ottubru, 2013 sal-Ħamis, 31 ta' Ottubru, 2013 mis-7.00 a.m. sal-4.00 p.m. (Ħin Lokali)

2. Ngħarrfu lil kulħadd li wara eżerċizzju ta' klassifikazzjoni mill-ġdid taż-żona tal-periklu mal-MATS, għall-perjodi msemmija hawn fuq, il-FAM se tħaddem LMD ġdid magħruf bħala *LMD-6 Pembroke low*, b'raġġ ta' 4 mili nawtiċi b'ċentru fuq 355554N 0142832E li jgħaqqad il-punti li ġejjin 355946N 0142715E - 35 5829N 0143219E

3. Il-bastimenti kollha għandhom iżommu erba' mili nawtiċi (4 NM) bogħod mix-xatt ta' Pembroke fid-dati ul-ħinijiet imsemmija.

